



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7587/23

COSCE 5
COPS 148
CFSP/PESC 470
COEST 216

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 7256/23

Suġġett: Prijoritajiet tal-UE fl-OSKE
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Marzu 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fl-OSKE, kif approvati mill-Kunsill fit-3941 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Marzu 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fl-OSKE**Sfidi għas-Sigurtà Ewropea**

1. Billi bdiet u kompliet il-gwerra tagħha ta' aggressjoni mhux provokata, mhux ġustifikata u illegali tagħha kontra l-Ukrajna, bil-kompliċità tal-Belarusja, ir-Russja marret kontra n-normi, il-prinċipji u l-impenji ewlenin li fuqhom hija mibnija s-sigurtà Ewropea. Dawn il-prinċipji huma minqax fil-Karta tan-NU u fid-dokumenti fundaturi tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), fosthom l-Att Finali ta' Helsinki u l-Karta ta' Pariġi. Għalkemm ir-Russja ilha snin tipprova ddgħajef dawn il-prinċipji, inkluż fil-Georgia fl-2008 u fl-Ukrajna fl-2014, dawn la huma negoziabbli u lanqas ma huma soġġetti għal reviżjoni jew riinterpretazzjoni. Is-sigurtà tal-Ukrajna hija s-sigurtà tal-Ewropa. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' tappoġġa lill-Ukrajna u l-poplu tagħha b'mod inekwivoku sakemm ikun hemm bżonn.

Ir-rwol tal-OSKE għas-Sigurtà fiż-żona tal-OSKE

2. Fil-Kunsill Ministerjali tal-OSKE ta' Diċembru 2022, l-Istati parteċipanti kkonfermaw li l-OSKE tibqa' waħda mill-gwardjani tal-atti u l-valuri fundamentali li jirregolaw is-sigurtà fl-Ewropa, li tkompli tipprovdi pjattaforma unika għal diskussjonijiet komprensivi dwar is-sigurtà fit-tliet dimensjonijiet, u li żżomm sett ta' għodod kbir u uniku għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-konflitti. Il-prinċipji u l-impenji fundamentali tal-Att Finali ta' Helsinki u tal-Karta ta' Pariġi ma jistgħux jitħarsu kif xieraq mingħajr ma tintemm il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u tiġi restawrata s-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha.

3. Filwaqt li jirrappreżentaw kważi nofs l-Istati parteċipanti tagħha, u jikkontribwixxu madwar 60 % tar-riżorsi finanzjarji u umani tagħha, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw lill-OSKE b'lealtà. L-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà¹, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli², u l-Boxxla Strateġika³ jirrakkomandaw it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-OSKE. L-appoġġ tal-UE għall-OSKE jinsab fl-impenn qawwi tal-UE għal multilateraliżmu effettiv, b'għeruw sodi fir-rispett għall-istat tad-dritt u d-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Multilateraliżmu effettiv ibbażat fuq regoli komuni, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, jibqgħu l-aħjar mod biex jiġu ppreservati l-paċi u s-sigurtà dinjin.
4. Il-Kunsill ifaħħar lill-Presidenzi fil-Kariga attwali u preċedenti tal-OSKE għall-isforzi tagħhom biex imexxu l-organizzazzjoni fi żminijiet diffiċli kkaratterizzati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bi ksur tal-prinċipji fundaturi tal-OSKE u t-tfixkil tagħha tal-funzjonament tal-OSKE. Minkejja din is-sitwazzjoni, l-OSKE baqgħet impenjata lejn il-valuri tagħha u kompliet tagħti riżultati importanti, bħall-invokazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Moska, il-Konferenza ta' Varsavja dwar id-Dimensjoni Umana tal-2022, it-tnedija tal-Programm ta' Appoġġ għall-Ukrajna (SPU), u bosta proġetti oħra. Il-Kunsill jirrikonoxxi u jappoġġa wkoll l-isforzi tal-OSKE, is-Segretarjat u s-Segretarju Ġenerali tagħha, il-missjonijiet fuq il-post u l-istituzzjonijiet awtonomi tagħha - l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR), il-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali (HCNM), u r-Rappreżentant għal-Libertà tal-Media (RFoM) — kif ukoll tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, u jilqa' l-ħidma tal-Kulleġġ tal-Persunal tal-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-OSKE f'Dušanbe u l-Akkademja tal-OSKE f'Bishkek.

¹https://www.eeas.europa.eu/sites/default/files/eugs_review_web_0.pdf

²https://eeas.europa.eu/sites/default/files/en_strategy_on_strengthening_the_eus_contribution_to_rules-based_multilateralism.pdf

³<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7371-2022-INIT/mt/pdf>

5. Il-Kunsill jiddeplora l-fatt li l-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ tal-OSKE fl-Ukrajna (SMM), il-Koordinatur tal-Proġetti fl-Ukrajna, u l-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-OSKE fil-Punti ta' Kontroll Russi ta' Gukovo u Donetsk kellhom jingħalqu minħabba li r-Russja irrifjutat li tingħaqad mal-kunsens dwar l-estensjoni tal-mandati tagħhom. Il-Kunsill itenni l-appell qawwi tal-UE lir-Russja biex minnufih u mingħajr kondizzjonijiet teħles it-tliet membri tal-persunal tal-SMM tal-OSKE detenuti illegalment u tirritorna l-vetturi armati tal-SMM tal-OSKE lis-sidien leġittimi tagħhom.
6. Il-Kunsill jiddispjaċih ħafna li, minħabba l-ostakli tar-Russja, il-mandat tal-Missjoni tal-OSKE fil-Moldova seta' jiġi estiż biss għal sitt xhur minflok il-perjodu normali ta' sena kif deċiż mill-Istati parteċipanti tal-OSKE fil-Kunsill Ministerjali fi Brussell fl-2006. Jappella biex il-mandat tal-missjoni jiġi estiż għall-perjodu tas-soltu.
7. Il-Kunsill jappella lill-Istati parteċipanti kollha tal-OSKE biex jiżguraw l-adozzjoni f'waqtha tal-baġit tal-OSKE, b'riżorsi adegwati, filwaqt li jqisu l-ispejjeż dejjem jiżdiedu għall-organizzazzjoni, speċjalment f'dan il-kuntest ta' inflazzjoni għolja, biex ikun possibbli l-funzjonament effettiv tal-OSKE fit-tliet dimensjonijiet kollha. Huwa kruċjali li l-istituzzjonijiet awtonomi, is-Segretarjat, u l-missjonijiet fuq il-post kollha jiġu ffinanzjati b'mod adegwat sabiex jissodisfaw il-mandati rispettivi tagħhom. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni adegwata, il-Kunsill ifaħħar lil dawk l-Istati li jikkontribwixxu fondi ekstrasbaġitarji biex jippreservaw il-kapaċità tal-OSKE li taġixxi. L-imblukkar tal-proċess ta' approvazzjoni tal-baġit tal-OSKE għal aktar minn sena serjament dgħajjef il-kapaċità operattiva tal-OSKE u l-istituzzjonijiet tagħha.
8. Il-Kunsill jiddispjaċih ħafna li, minħabba l-attitudni fixkiela tar-Russja sa issa, il-Kunsill Ministerjali tal-OSKE ma rnexxilux jilħaq kunsens dwar il-Presidenza fil-Kariga għall-2024.

9. Il-Kunsill jilqa' l-appoġġ kontinwu tal-OSKE lill-Ukrajna u l-istabbiliment tal-Programm ta' Appoġġ tal-OSKE għall-Ukrajna (SPU) sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ukreni. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma kontributuri ewlenin għal din l-inizjattiva ekstrasagarja. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-invokazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Moska darbtejn fl-2022 dwar ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità mwettqa fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Is-sejbiet taż-żewġ rapporti tal-missjonijiet fi ħdan il-Mekkaniżmu ta' Moska, kif ukoll ir-rapporti tal-ODIHR, huma kontribut essenzjali għall-għbir u l-analiżi tal-fatti bil-ħsieb li jiġu ppreżentati quddiem mekkaniżmi ta' responsabbiltà li għandhom ġurisdizzjoni, jew jista' jkollhom ġurisdizzjoni fil-ġejjieni.

Il-prijoritajiet tal-UE fl-OSKE

10. Il-Kunsill huwa impenjat li jħares l-OSKE bħala wieħed mill-pilastri tal-ordni ta' sigurtà Ewropew u li jiżgura l-konformità mal-Att Finali ta' Helsinki, il-Karta ta' Pariġi u prinċipji u impenji ewlenin oħra tal-OSKE. L-UE ser tkompli tappoġġa l-attivitajiet tas-Segretarjat, l-istituzzjonijiet u l-operazzjonijiet fuq il-post tal-OSKE fiż-żona kollha tal-OSKE. Fl-istess ħin, l-UE ser tagħti kontribut attiv għall-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-impenji tal-OSKE fit-tliet dimensjonijiet kollha, inkluż ir-rwol tal-OSKE fit-twissija bikrija, il-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' konflitti, ir-restawr tal-paċi u s-sigurtà, ir-riabilitazzjoni wara l-konflitti, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni, u l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Għal dan il-għan, l-UE ser:
11. ***Tkompli l-isforzi biex jerġa' jiġi stabbilit ir-rwol tal-OSKE għas-sigurtà:***
- Tkompli tippromwovi l-appoġġ għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli fuq il-bażi tal-Karta tan-NU u d-Dekalogu ta' Helsinki, fid-dawl tal-ksur kostanti mill-Federazzjoni Russa tad-dritt internazzjonali u tal-prinċipji u l-impenji tal-OSKE. Jiddispijacija li l-ksur kostanti mill-Federazzjoni Russa tal-impenji u r-regoli tal-OSKE jagħmel il-ħidma regolari tal-Organizzazzjoni diffiċli.

- Tiżgura li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna tibqa' fiċ-ċentru tal-ħidma tal-OSKE sakemm ir-Russja tkompli l-aggressjoni tagħha, li tikkostitwixxi attakk dirett fuq l-ordni tas-sigurtà Ewropew, u b'hekk iddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropej u dinjin.

12. ***Tappoġġa u ssaħħaħ il-kapaċitajiet u l-attivitajiet fuq il-post tal-OSKE fiż-żona kollha tal-OSKE:***

- Tkompli tuża l-ġhodod kollha tal-OSKE biex tindirizza l-aggressjonijiet tar-Russja lejn Stati parteċipanti oħra tal-OSKE.
- Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni li qed teskala tar-Russja kontra l-Ukrajna, tappoġġa lill-OSKE fil-kontribut għall-isforzi biex jiġi żgurat irfiġh ta' responsabbiltà sħiħ għall-ksur gravi tad-dritt internazzjonali, id-delitti tal-gwerra u l-atroċitajiet, u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
- Jiġi żgurat appoġġ lill-Ukrajna permezz tal-ħidma tas-Segretarjat tal-OSKE, fost oħrajn permezz tal-Programm ta' Appoġġ għall-Ukrajna, u l-istituzzjonijiet awtonomi.
- Tibqa' tappoġġa r-rwol tal-OSKE fl-indirizzar ta' konflitti mtawla fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u r-Repubblika tal-Moldova bl-għan li jintlaħqu soluzzjonijiet politiċi sostenibbli, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji u l-impenji tal-OSKE. L-OSKE għandha tkompli tkun tista' toffri appoġġ lill-Istati parteċipanti kollha li jeħtiġuh.
- Tikkonċentra l-isforzi fuq l-iżgurar tal-kontinwità tal-missjonijiet tal-OSKE u tal-mandati tagħhom, inkluż l-estensjoni tal-Missjoni tal-OSKE fir-Repubblika tal-Moldova wara Ġunju 2023, minħabba r-rwol essenzjali ta' dawn il-missjonijiet fit-tnaqqis tat-tensjoni fil-konflitti, fil-miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet u fit-taħriġ tar-riżorsi umani.
- Taħdem biex tippreserva r-rwol tal-OSKE bħala pjattaforma għal djalogu dwar il-paċi u s-sigurtà, fuq il-bażi tal-prinċipji u l-impenji tal-OSKE, u timpenja ruħha ma' pajjiżi madwar ir-reġjun dwar il-kontributi futuri tal-OSKE għas-sigurtà reġjonali.

- Tkomppli tippromwovi l-impenn tal-OSKE fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-Lvant, f'konformità mal-prijoritajiet rispettivi tat-tkabbir fejn rilevanti, permezz tal-missjonijiet fuq il-post tal-OSKE fir-reġjun u permezz tal-ħidma tas-Segretarjat u l-istituzzjonijiet tal-OSKE, inkluż fir-rigward tal-istat tad-dritt, is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-ODIHR, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media, il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.
- Thegħgeġ sinerġiji mal-impenn tal-OSKE fl-Asja Ċentrali u tippromwovi tali impenn, b'enfasi fuq is-sigurtà u r-reżiljenza reġjonali, il-prevenzjoni tat-theddid tranżnazzjonali u l-ġlieda kontrih, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, iċ-ċibersigurtà, u s-setturi differenti tal-konnettività sostenibbli, kif identifikati fl-istrateġija Global Gateway.
- Tkomppli timpenja ruħha mas-Sħab għall-Kooperazzjoni Mediterranji u Asjatiċi tal-OSKE, peress li s-sigurtà fir-reġjun tal-OSKE hija marbuta b'mod inseparabbli ma' dik tal-ġirien tagħha u tista' tissaħħaħ permezz ta' djalogu u kooperazzjoni fid-dimensjoni politika-militari, dik ekonomika u ambjentali, kif ukoll dik umana, billi jiġu indirizzati b'mod konġunt l-isfidi tas-sigurtà.

13. ***Tiżgura l-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-impenji kollha tal-OSKE fit-tliet dimensjonijiet kollha:***

- Trawwem rieda politika u rieda tajba fl-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod komprensiv tal-OSKE fiċ-ċiklu sħiħ tal-konflitti u fit-tliet dimensjonijiet kollha. Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u lill-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin.
- Tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji u l-obbligi fil-qasam politiku-militari. L-UE ser tikkoopera mill-qrib mal-OSKE wkoll fl-indirizzar ta' theddid u sfidi tranżnazzjonali għas-sigurtà.

- Tagħmel użu sħiħ mid-dimensjoni ekonomika u ambjentali bħala għodda għat-tisħiħ tal-fiduċja u bħala strument importanti għat-tisħiħ tal-governanza tajba u l-benesseri tal-popolazzjoni.
- Tkompli tappoġġa l-ħidma kruċjali tal-OSKE biex tindirizza r-rabta bejn id-degradazzjoni ambjentali/it-tibdil fil-klima/it-telf tal-bijodiversità u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà bħala multiplikatur tat-theddid, inkluż billi tappoġġa lill-Istati parteċipanti fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Ministerjali rilevanti, b'mod partikolari d-Deċiżjoni storika Nru 3/21 ta' Stokkolma tal-2021 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi kkawżati mit-tibdil fil-klima.
- Tenfasizza l-importanza kruċjali tad-dimensjoni umana fl-operazzjonalizzazzjoni tal-kunċett komprensiv tas-sigurtà tal-OSKE, filwaqt li thegħġegħ l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji kollha marbutin mad-Dimensjoni Umana mill-Istati parteċipanti kollha, f'konformità sħiħa mad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, u r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha, inkluż dawk ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali.
- Tkompli tappella għal kooperazzjoni transdimensjonali fuq dawn is-suġġetti. Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, lill-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, lill-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, kemm online kif ukoll offline, il-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti, lill-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin u l-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza sesswali relatata mal-konflitti. L-UE ser tippromwovi s-sehem taż-żgħażaġh fl-attivitajiet u l-proċessi tal-OSKE.
- Tapprofondixxi l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà ċibernetika/tal-ICT fil-Grupp ta' Ħidma Informali stabbilit bid-Deċiżjoni 1039 tal-Kunsill Permanenti, b'mod partikolari permezz ta' impenn miżjud tal-UE dwar miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja.

- Tkompli tappoġġa l-organizzazzjoni regolari ta' avvenimenti marbuta mad-Dimensjoni Umana, inkluż il-Laqgħat għall-Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana (HDIM), bħala l-pjattaformi ewlenin biex tiġi diskussa s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-qasam tal-OSKE u tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-impenji marbutin mad-Dimensjoni Umana mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

14. *Issaħħaħ l-effettività tal-OSKE:*

- Tappoġġa l-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni u tirrifletti dwar modi kif jiġi miġġieled ix-xkiel u l-abbuż tar-regola tal-kunsens.
- Tkompli tuża formati bħad-Djalogu ta' Livell Għoli UE-OSKE u laqgħat fil-livell ta' ħidma biex tissimplifika l-kooperazzjoni u tftitx sinerġiji addizzjonali speċjalment fil-livell fuq il-post.
- Tkompli tappoġġa l-mandati u l-ħidma tas-Segretarjat u l-missjonijiet fuq il-post fid-Dimensjoni Ekonomika u Ambjentali.
- Tkompli tappoġġa l-mandati u l-ħidma tal-istituzzjonijiet awtonomi (ODIHR, HCNM, RFoM) u l-missjonijiet fuq il-post fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-OSKE mill-Istati parteċipanti, bħall-attivitajiet komprensivi tal-OSKE/ODIHR relatati mal-elezzjonijiet, permezz tal-iskambju ta' Prattiki Tajba. Bil-ħsieb li tagħti kontribut għat-twissija bikrija u tiżgura prevenzjoni effettiva u soluzzjonijiet sostenibbli għall-konflitti, l-UE ser tkompli wkoll tappoġġa l-mandat tal-OSKE/ODIHR biex tassisti lill-Istati parteċipanti fl-obbligi tagħhom b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, l-impenji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-promozzjoni tat-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni.
- Tkompli tagħti importanza lill-mandat tal-HCNM, b'mod partikolari b'rabta mal-għoti ta' twissija bikrija u t-tfittxija ta' azzjoni bikrija fir-rigward ta' tensjonijiet li jinvolvu persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali.

- Tkompli tappoġġa l-mandat tal-RFoM fl-osservazzjoni tal-iżviluppi fil-media bħala parti minn funzjoni ta' twissija bikrija u fl-ġajnuna lill-Istati parteċipanti biex iħarsu l-impenji tagħhom għal-libertà tal-espressjoni u l-media ħielsa, kemm online kif ukoll offline. Dan jinkludi sforzi biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ġurnalisti.
15. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE li tikkoopera mal-OSKE bħala pjattaforma komprensiva u inklużiva għal dialogu politiku u ta' politika dwar is-sigurtà Ewropea, Ewro-Atlantika u Ewro-Asjatika, u għat-tisħiħ tal-fiduċja billi jerġa' jkun hemm is-sigurtà u r-rispett għall-prinċipji u l-impenji komuni tal-OSKE. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tkompli tappoġġa lill-OSKE, politikament u finanzjarjament. Il-kooperazzjoni u d-dialogu bejn l-UE u l-OSKE ser ikomplu fl-oqsma u l-livelli kollha possibbli.
-